Il-Kummissjoni Ewropea

# 2021

# IL-PREMJU TAS-SAĦĦA TAL-UE

## għall-ibliet, l-NGOs u l-istituzzjonijiet edukattivi



**Il-prevenzjoni tal-kanċer**

**Skadenza: 30/11/2021.**

*Saħħa u Sikurezza tal-Ikel*

*"Stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa huwa kruċjali għall-benesseri tagħna ta' kuljum u għalhekk huwa responsabbiltà kollettiva, li fiha msejħa jaġixxu l-atturi kollha f'kull livell. Ilkoll għandna rwol x'naqdu"*, qalet Stella Kyriakides, il-Kummissarju Ewropew għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari.

## Lemħa

Il-premju tas-Saħħa tal-UE tal-2021 se jirrikonoxxi u jippremja inizjattivi ta' bliet, NGOs jew organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili, u istituzzjonijiet edukattivi li jfittxu li jippromwovu l-komunikazzjoni u l-litteriżmu fis-saħħa dwar il-prevenzjoni tal-kanċer fost it-tfal u ż-żgħażagħ (minn 6 snin sa 24 sena).

L-applikazzjonijiet ippreżentati taħt il-Premju tas-Saħħa tal-UE tal-2021 iridu jkunu nbdew u ġew implimentati fl-2020 u/jew fl-2021.

L-inizjattivi jistgħu jinkludu azzjonijiet li jippromwovu dieti tajbin għas-saħħa u attività fiżika regolari, li jiskoraġġixxu l-użu ta' prodotti tat-tabakk u l-alkoħol, li jnaqqsu l-kummerċjalizzazzjoni (online) ta' prodotti mhux tajbin għas-saħħa, li jippermettu ambjent ta' appoġġ u li jħeġġu l-protezzjoni mill-esponiment għad-dawl tax-xemx. Għandha tingħata attenzjoni speċjali biex jintlaħqu u jiġu involuti t-tfal u ż-żgħażagħ minn gruppi soċjoekonomiċi żvantaġġati inklużi l-migranti, il-minoranzi etniċi, eċċ., u/jew it-tfal li jgħixu b'diżabilità.

## Min hu eliġibbli?

Bliet, NGOs jew organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili, u istituzzjonijiet edukattivi stabbiliti fi kwalunkwe Stat Membru tal-UE (sib aktar informazzjoni fis-**sit web tal-Premju tas-Saħħa tal-UE 2021**).

## Ir-rebbieħa

**Il-premjijiet għal kull kategorija (bliet, NGOs u istituzzjonijiet edukattivi) huma :**

L-ewwel post: EUR 30 000
It-tieni post: EUR 20 000
It-tielet post: EUR 12 000

**APPLIKA ISSA**
Skadenza: 30/11/2021

Barra minn hekk, tliet inizjattivi magħżula fil-lista għal kull kategorija se jingħataw ċertifikat u EUR 1500 kull waħda.

**https://ec.europa.eu/health/award/home**

**@EU_Health**
**#EUHealthAward #EUHPP**

Il-Premju tas-Saħħa tal-UE hu ffinanzjat permezz tal-Programm EU4Health